

## II

(Attie mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 670/2010

tat-13 ta' Lulju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fl-Estonja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), u b'mod partikolari l-Artikolu 140(3) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro <sup>(1)</sup> jipprovd għas-sostituzzjoni bl-euro għall-muniti tal-Istati Membri li ssodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro fżeż-żmien meta l-Komunità daħlet fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2596/2000 <sup>(2)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex jipprovd għas-sostituzzjoni tal-munita tal-Greċċa bl-euro.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2169/2005 <sup>(3)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex ihejj iġħal introduzzjoniżsusseggwenti tal-euro fl-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro bħala l-munita unika.
- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1647/2006 <sup>(4)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex jipprovd għas-sostituzzjoni tal-munita tas-Slovenja bl-euro.
- (5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 835/2007 <sup>(5)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex jipprovd għas-sostituzzjoni tal-munita ta' Ċipru bl-euro.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 836/2007 <sup>(6)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex jipprovd għas-sostituzzjoni tal-munita ta' Malta bl-euro.

(7) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2008 <sup>(7)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex jipprovd għas-sostituzzjoni tal-munita tas-Slovakkja bl-euro.

(8) F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Estonja hija Stat Membru b'deroga kif iddefinit fl-Artikolu 139(1) tat-Trattat.

(9) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/416/UE tat-13 ta' Lulju 2010 bi qbil mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mill-Estonja tal-euro fl-1 ta' Jannar 2011 <sup>(8)</sup>, l-Estonja tissodisa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga favur l-Estonja għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

(10) L-introduzzjoni tal-euro fl-Estonja teħtieġ l-estensjoni għall-Estonja tad-dispożizzjoniżiet eżistenti dwar l-introduzzjoni tal-euro stipulati fir-Regolament (KE) Nru 974/98.

(11) Il-pjan ta' bidla tal-Estonja jispeċifika li n-noti bankarji u l-muniti tal-euro għandhom isiru valuta legali f'dak l-Istat Membru fil-ġurnata tal-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita tiegħi. Għaldaqstant, id-data tal-adozzjoni tal-euro u d-data tal-bidla tal-flus kontanti għandha tkun l-1 ta' Jannar 2011. Ma għandu japplika l-ebda perijodu ta' "tnejħha gradwali".

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 974/98 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98 għandu jiġi emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 300, 29.11.2000, p. 2.

<sup>(3)</sup> ĠU L 346, 29.12.2005, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 309, 9.11.2006, p. 2.

<sup>(5)</sup> ĠU L 186, 18.7.2007, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 186, 18.7.2007, p. 3.

<sup>(7)</sup> ĠU L 195, 24.7.2008, p. 1.

<sup>(8)</sup> Ara paġna 24 ta' dan il-ĠU.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

D. REYNDERS

---

## ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98, il-linja li jmiss tidħol bejn l-annotazzjoni għall-Ġermanja u l-Greċċa.

Stat Membru	Data tal-adozzjoni tal-euro	Data tal-bidla tal-flus kontanti	Stat Membru b'perijodu ta' "tneħħija gradwali"
<hr/>			
"L-Estonja	L-1 ta' Jannar 2011	L-1 ta' Jannar 2011	Le"